L-AKKADEMJA TAL-MALTI

Is-16 ta' Ottubru 2005

L-Akkademja tal-Malti tikkundanna ż-żebliħ tal-mafkar iddedikat lil Ġużè Muscat Azzopardi f'Ħal Qormi. L-Akkademja tfakkar li min jeħodha kontra l-wirt tiegħu mhux biss ikun qed jiċħad lilu nnifsu imma jkun qed iżeblaħ nazzjon sħiħ.

L-Akkademja tal-Malti tirreferi għall-ħarġa ta' *il-mument* tas-16 ta' Ottubru 2005. Fir-rubrika "Dwarna u Madwarna" deher rapport fuq kif mhux darba u tnejn il-mafkar ta' Ġużè Muscat Azzopardi li hemm f'Ħal Qormi ġie mkażbar.

Ġużè Muscat Azzopardi, magħruf bħala "Missier il-Letteratura Maltija" kien membru fil-Kunsill tal-Gvern (1919-1921) u huwa l-fundatur ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (aktar tard l-Akkademja tal-Malti). Kien strumentali biex il-kittieba tal-Malti jingħaqdu u jiktbu b'ortografija waħda.

Muscat Azzopardi huwa l-aktar magħruf għar-rumanzi storiċi li kiteb, fosthom, *Toni Bajada* (1878), *Mattew Callus* (1878), *Vicu Mason* (1881), *Ċejlu Tonna* (1886), *Ċensu Barbara* (1893) u *Nazju Ellul* (1909). Kiteb ukoll għadd sabiħ ta' poeżiji, bijografiji, drammi u traduzzjonijiet fosthom l-erba' evanġelji.

Clare Azzopardi
L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi